

Brussell, 22 ta' April 2026  
(OR. en)

8411/26

COH 67  
FIN 570

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	16392/25 Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2025 tal-QEA intitolat "L-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-Politika ta' Koeżjoni: Fondi li jiġu rimborżati jerġgħu jintużaw parzjalment" - Approvazzjoni

---

1. Fit-3 ta' Diċembru 2025, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill irċieva r-Rapport Speċjali Nru 24/2025 "L-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-Politika ta' Koeżjoni: Fondi li jiġu rimborżati jerġgħu jintużaw parzjalment".
2. Skont ir-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-eżami tar-rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri<sup>1</sup>, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2025, ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi biex jeżamina dan ir-rapport skont ir-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq.

---

<sup>1</sup> Dokument 7515/00 FIN 127 + COR 1.

3. Il-Qorti tal-Awdituri ppreżentat ir-rapport fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tal-11 ta' Diċembru 2025. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill propost mill-Presidenza fil-laqgħat tiegħu tat-8 ta' Jannar 2026<sup>2</sup> u l-4 ta' Marzu 2026<sup>3</sup>.
  4. Fil-21 ta' April 2026, il-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi laħaq qbil dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill anness<sup>4</sup> hawnhekk, abbażi tat-tielet proposta ppreżentata mill-Presidenza.
  5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill japprova, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness ta' din in-nota.
- 

---

<sup>2</sup> WK17536/2025 INIT.

<sup>3</sup> WK 17536/2025 REV 1.

<sup>4</sup> WK 17536/2025 REV 2.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**

**dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2025 mill-Qorti tal-Awdituri:**

**"L-istrumenti finanzjarji fl-ambitu tal-Politika ta' Koeżjoni – Fondi li jiġu rimborżati  
jerġgħu jintużaw parzjalment"**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:**

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 24/2025 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni") dwar ir-Rapport;
2. JAQBEL mal-Qorti li l-istrumenti finanzjarji huma meqjusa li jtejbu l-effiċjenza tal-finanzjament pubbliku, b'mod partikolari permezz tan-natura potenzjalment rotanti tagħhom, bħala inċentiv għal ġestjoni finanzjarja tajba għar-riċevituri u bħala ġeneraturi ta' effett ta' ingranaġġ. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill JIEĦU NOTA tal-konklużjoni tal-Qorti li l-potenzjal sħiħ tal-effett rotanti ma ntlaħaqx u li hemm biss użu mill-ġdid limitat tal-fondi matul il-perjodu ta' eliġibbiltà;
3. JISSOTTOLINJA li s-saħħa tal-istrumenti finanzjarji fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni tinsab (i) fl-opportunitajiet akbar għall-aċċess għal finanzi, (ii) fl-użu flessibbli ta' inċentivi li jistgħu jirrispondu għall-ħtiġijiet differenti li jirriżultaw fid-diversi stadji taċ-ċiklu tal-ħajja tan-negozju, (iii) fil-possibbiltà li jiġu appoġġati investimenti pubbliċi fit-tul li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' żvilupp territorjali;

4. JINNOTA li l-qafas legali għall-istrumenti finanzjarji fil-politika ta' koeżjoni jippermetti lill-Istati Membri jżommu riżorsi li ntużaw mill-inqas darba matul il-perjodu ta' eliġibbiltà, iżda r-rimborżi mir-riċevituri finali għandhom jergħu jintużaw kemm matul kif ukoll wara l-perjodu ta' eliġibbiltà rilevanti, b'mod konsistenti mat-tip ta' strumenti finanzjarji attivati;
5. JINNOTA li l-awditu tal-Qorti vvaluta jekk l-Istati Membri u r-reġjuni awditjati sfruttawx b'mod effettiv il-potenzjal tal-istrumenti finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni għal użu aktar sostnut tal-finanzjament u jekk il-qafas stabbilit għall-istrumenti finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni incentivax l-użu mill-ġdid tal-finanzjament mill-Istati Membri u r-reġjuni;
6. JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:
  - L-użu mill-ġdid tal-fondi matul il-perjodu ta' eliġibbiltà jiddependi fuq il-karatteristiċi tal-istrument finanzjarju, iżda b'mod ġenerali huwa limitat ħafna;
  - Il-pressjoni ta' assorbiment tista' tkun raġuni ewlenija għall-użu mill-ġdid limitat tal-fondi, billi l-prijoritizzazzjoni tal-użu tal-fondi mħallsa lura lil strument finanzjarju fuq l-infiq tal-allokkazzjonijiet inizjali tal-programmi tal-fondi tal-istrumenti finanzjarji twassal biex l-impenji jiġu kkanċellati, u b'hekk jintilfu fondi tal-UE għall-Istat Membru jew għar-reġjun;
  - Il-prodotti finanzjarji b'durata medja jew fit-tul jillimitaw il-potenzjal għall-użu mill-ġdid tal-fondi, peress li jiġu investiti f'assi b'ċikli tal-ħajja twal, spiss illikwidi, li jfisser li r-rimborżi spiss isiru disponibbli tard wisq għall-investment mill-ġdid matul il-perjodu ta' eliġibbiltà;
  - L-użu mill-ġdid limitat ta' fondi mħallsa lura matul il-perjodu ta' eliġibbiltà jista' jkun marbut ukoll mal-objettiv li jinkiseb ingranaġġ billi jinġabar kapital addizzjonali għal strumenti finanzjarji minn investituri privati. Rimborżi użati biex jikkumpensaw għat-telf ta' investituri privati jnaqqsu l-ammonti disponibbli għall-użu mill-ġdid;

7. JIEĦU NOTA tal-opinjoni tal-Kummissjoni fit-tweġibiet tagħha għall-kummenti, l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li l-Kummissjoni diġà tawditja l-użu mill-ġdid tal-fondi bħala parti mill-approċċ ta' awditjar attwali tagħha għal awditi tematiċi dwar l-istrumenti finanzjarji u matul l-awditi ta' konformità tagħha u awditi tematiċi oħra, u tikkunsidra li ssaħħaħ il-miżuri ta' awditjar tagħha billi twettaq awditi orizzontali dwar l-użu mill-ġdid tal-fondi kif ukoll tteġġeg lill-Istati Membri jużaw mill-ġdid ir-rimborżi malajr kemm jista' jkun, b'kont meħud tal-qafas regolatorju rilevanti;
8. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni taċċetta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja l-użu mill-ġdid attwali tal-fondi matul dan il-perjodu ta' programmazzjoni, u JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li l-qafas regolatorju jiżgura l-aħjar użu tal-fondi u l-użu mill-ġdid tar-rimborżi, filwaqt li jippermetti flessibbiltà biex ikun hemm rispons adegwat għall-ħtiġijiet tas-suq u tiġi evitata kwalunkwe żieda fil-piż amministrattiv.
-